**KUNSILL LOKALI MUNXAR**
Triq Profs Ġuże' Aquilina
Munxar MXR1012
----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/3-2010(09_10_2010).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar is-Sibt, 9 t' Ottubru 2010, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fl-10.30 ta' filgħodu.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - Viċi-*Chairperson*.
Is-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Saviour Spiteri - Viċi-Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Assenti kien hemm is-Sur Vincent Borg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fl-4 t' Ottubru 2010.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. *Tender* tad-Dawl fix-Xlendi.
3. Memo 118-2010 Inizjattiva Ambjentali (Vodafone).
4. Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi.
5. Memo 126-2010 Attivita' Community Chest Fund.
6. ERDF Tourism Projects – Call of Interest.
7. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/2-2010(18_08_2010).

**2.00 Tender tad-Dawl fix-Xlendi.**

2.01 Il-Kumitat iddeċieda sabiex jikkummissjona lill-Inġinier Renzo Curmi sabiex jevalwa l-offerti li ntefgħu, jipprepara rapport fejn dan ir-rapport jiġi ppreżentat lill-Kumitat. L-Inġinier Curmi ser jiġi mitlub jattendi għal-laqgħa sabiex jispjega u jirrispondi xi mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat.

**3.00 Memo 118-2010 Inizjattiva Ambjentali (Vodafone).**

3.01 Il-Kumitat Amministrattiv Xlendi ddeċieda li jissottometti l-proposta sabiex isir tħawwil ġo *planters* ta' siġar taċ-Ċitru tul Xatt ix-Xlendi, Triq ir-Rabat, Triq il-Kantra u l-Parkeġġ fi Triq San Xmun.

Il-Kumitat jipproponi lill-Kumpanija Vodafone biex tisponsorja x-xiri ta' kwantita' ta' siġar taċ-Ċitru (jew siġar ideali għal ħdejn il-baħar), flimkien mal-possibilta' ta' għajnuna għax-xiri ta' *concrete planters*. Dawn is-siġar jitqassmu tul ix-Xatt u spazji oħra li jkopru tista' tgħid il-*front* tax-Xlendi kollu.

Il-Kumitat jissuġġerixxi *planters* minflok it-tħawwil fl-art minħabba li fix-Xitwa jaħkem ħafna riħ u maltemp u ssir ħsara lis-siġar. Siġar antiki (bruka) li kien hemm fix-Xlendi inqerdu mill-iżvilupp u maltemp li jaħkem fil-bajja. Fix-Xlendi m'hemmx ġonna.

Fix-xhur tax-Xitwa s-siġar jinżammu mqassmin fil-Parkeġġ tax-Xlendi u jitpoġġew max-Xatt qabel il-festi ta' Għid sal-bidu ta' Novembru.

Il-Bajja tax-Xlendi hi bla dubju waħda mill-iktar lokalitajiet pittoreski u l-iktar frekwentati kemm minn Maltin u turisti. Il-Kumitat jipproponi li bħala reklamar, jitwaħħal il-logo tal-Vodafone ma' KULL *planter*. Tista' tgħid li kull fejn ħa titfa' għajnejk fix-Xlendi ħa jkun hemm is-sbuħija tas-siġar u l-preżenza viżiva tal-Vodafone! Il-Kumitat jemmem li din hija opportunita' interessanti ħafna kemm fuq livell ambjentali kif ukoll ta' *marketing* effettiv.

**4.00 Memo 121-2010 Skema Inizjattivi Sportivi.**

4.01 Il-Kumitat iddeċieda li jieħu sehem fl-Iskema Inizjattivi Spotivi billi jorganizza Mixjiet fl-Aħrax tax-Xlendi 2011. Dawn ikunu mixjiet iggwidati mal-madwar tal-kosta u sisien tax-Xlendi.

Peress li x-Xlendi jattira nies partikolarment fis-Sajf, din hija proposta biex titqajjem attivita' f' xhur oħra, dan il-każ fir-Rebbiegħa.

L-ewwelnett din hija attivita' fiżika fejn titħeġġeġ tipparteċipa l-familja kollha, individwi jew gruppi ta' ħbieb. Hija attivita' fil-beraħ tal-kampanja, fejn wieħed jaqta' mir-rutina ta' kuljum u jaqta' mit-tensjonijiet tal-ħajja ta' kuljum. Hija miftuħa għal kulħadd fejn m'hux meħtieġ li tkun imħarreġ fl-ebda dixxiplina sportiva.

Miżjud ma' dan ħa jkun hemm ukoll il-gwida ta' *Coaches* kwalifikati kif ukoll Gwida ekoloġika (*ecological guide*), fejn mal-mixja tingħata spjegazzjoni edukattiva tal-flora u fawna endemika tal-madwar. Għas-serħan kollu tal-moħħ ħa jkun hemm ukoll persuna mill-Għaqda tas-Salib l-Aħmar, għal kull urġenza li tista' tinqala'.

Proposta li jiġu organizzati mixjiet fl-aħrax (*trekking trips*) mal-kosta u sisien tax-Xlendi.
Mixja A - Xlendi (Mill-Għar ta' Karolina), Għadira ta' San Raflu sad-Dwejra.
Mixja B - Xlendi (Wied tal-Kantra, mal-kosta, fuq l-irdum ta' Ċenċ sa Mġarr ix-Xini).

Il-mixjiet jitilqu t-tnejn mix-Xlendi, f' nofsinhar u jdumu xi 3 jew 4 sigħat, distanza ta' bejn wieħed u ieħor 3 kilometri u nofs. F' nofshom, ir-rotot jidħlu fl-irħula, fejn min ikun għejja jista' jieqaf hemm. Bħala parti mill-organizazzjoni jkun hemm servizz ta' *minibus* li twassal il-parteċipanti lura x-Xlendi.

L-attivita' tiġi reklamata fuq il-mezzi tax-xandir, partikolarment b' *features* fl-aħbarijiet ta' filgħaxija, fejn min ikun interessat jintalab jikkomunika mal-Kunsill Lokali Munxar.

Jiġi mħeġġeġ ukoll li l-parteċipanti jġibu magħhom *cameras* tar-ritratti.

Din l-attivita' tippromovi attivita' fiżika fil-beraħ fejn hemm bilanċ tajjeb ferm ta' mistrieħ u pjaċir. Tista' ddakkar lill-parteċipanti biex fit-temp liberu huma stess imorru passiġġati fil-kampanja, partikolarment ġenituri flimkien mat-tfal tagħhom.

Ġie magħżul żmien il-Għid, ħalli tkun tista' tinkludi l-parteċipazzjoni tal-Maltin u turisti li jżuru Għawdex għall-btajjel tal-festa. Il-fatt li din is-sena l-Għid ser jaħbat tard ikabbar iċ-ċans li t-temp ikun wieħed favorevoli.

Mixja A ssir nhar is-Sibt, 23 t' April 2011 (Sibt il-Għid).
Mixja B ssir nhar it-Tnejn, 25 t' April 2011.

F' każ ta' temp ikrah iż-żewġ mixjiet isiru t-Tnejn, 25 t' April 2011.

Grazzi għal din l-inizjattiva, l-parteċipanti ħa jimirħu fix-Xlendi lil hinn mil-limiti tal-għawm u jiskopru l-pajsaġġ spettakolari li toffri l-kosta għawdxija tal-madwar, partikolarment fix-xhur tar-Rebbiegħa fejn il-flora u l-fawna tkun fl-aqwa tagħha. Ser tingħata opportunita' li inti stess tiskopri l-postijiet hekk imsejjħa 'xeni tal-kartolini u fotografi'.

Din l-attivita' ħa tibda fuq jumejn, is-Sibt 23 t' April 2011 u nhar it-Tnejn 25 t' April 2011. Il-ħin ħa jkun minn nofsinhar sa massimu ta' l-erbgħa u nofs ta' filgħaxija.

Jekk l-attivita' tkun waħda ta' suċċess jiġi suġġerit li ssir perjodikament matul is-sena.

*Budget*

| | |
|---|---|
| • 1 *Leader* / kull mixja / 15-il parteċipant il-wieħed (x4) | € 600 |
| • Gwida Ambjentali għal kull *group* Mixja A (x2) | € 270 |
| għal kull *group* Mixja B (x2) | € 210 |
| • 2 Membri tar-Red Cross | € 400 |
| • Servizzi ta' *minibus* (4 *transfers*) | € 120 |
| • *Posters* | € 200 |
| • Reklamar ieħor (gazzetti/*magazines*) | € 400 |
| **TOTAL:** | **€2,200** |

Il-Kumitat Amministrattiv Xlendi jkopri l-ispejjeż li m'humiex koperti fl-għajnuna finanzjarja taħt dan il-Memo.

Il-mixjiet ħa jsiru mal-kosta t' Għawdex. Jibdew mill-Bajja tax-Xlendi.

Mixja A tieħu lejn id-Dwejra (tgħaddi fil-konfini ta' Kerċem u San Lawrenz).
Mixja B tieħu lejn Mġarr ix-Xini (tgħaddi fil-konfini ta' Sannat u x-Xewkija).

Benefiċċji ġenerali ta' saħħa li ġġib attivita' fiżika bħalma hu l-mixi, speċjalment dak fl-aħrax, li jinvolvi ftit iktar stamina, iżda li hu ta' sodisfazzjon, aqwa minn sempliċi mixja fit-triq.

Il-Kumitat Amministrattiv Xlendi ħa juża s-servizzi professjonali ta' *leaders*, gwidi ambjentali, membri tar-Red Cross, kif ukoll entitajiet kummerċjali oħra. Dan inissel sens ta' serjeta' fl-inizjattivi tal-Kunsilli u Kumitati, kif ukoll jgħin lill-ekonomija.

Grazzi ta' inizjattivi bħal dawn, flus ivvutati għall-Kumitati jerġgħu imorru għas-servizz taċ-ċittadini.

**5.00 Memo 126-2010 Attivita' Community Chest Fund.**

5.01 Il-Kumitat iddeċieda sabiex għall-Attivita' b' risq il-Community Chest Fund jissieħeb fl-attivita' li ser jagħmel il-Kunsill Lokali.

**6.00 ERDF Tourism Projects – Call of Interest.**

6.01 Il-MEUSAC ħarġu *Call of Interest* għal dawk il-Kunsilli Lokali u Kumitati Amministrattivi li huma interessati li japplikaw għall-Fondi mill-EU - ERDF Priority Axis 2 Product Development & Niche Market Development and Branding. Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-Kumitat japplika sabiex jiżdied ir-ramel fil-Bajja u jsir *embellishment* madwar il-Bajja, proġett li jista' jitla' għal żewġ miljuni. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li l-Kumitat ma jistax jieħu aktar minn €50,000 bħala *co-financing* sabiex jitħallsu l-15% tal-proġett li jkun approvat bil-85% ikunu fondi mill-EU. Għaldaqstant il-proġett ma jistax ikun jammonta għal aktar minn €333,000. Il-Kumitat ser jitlob laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u l-MTA sabiex jiġi kkordinat ix-xogħol li huwa ppjanat li jsir fix-Xlendi.

**7.00 Materji oħra.**

7.01 Fil-laqgħa kien hawn preżenti resident ta' Trejqet il-Madonna tal-Karmnu, Xlendi. Huwa qed jilmenta dwar żewġ siġriet li hemm quddiem il-proprjeta' tiegħu. Dawn huma ta' inkonvenjent peress li qed imissu mal-gallerija tiegħu u qed jitlob sabiex dawn jinqalgħu u jsiru *pots* minflok. Il-Kumitat jaqbel u għalhekk ser jikteb sabiex iġib l-approvazzjoni mingħand l-awtoritajiet konċernati.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li kien irċieva l-kontijiet għal-Logħob tal-Baħar u Ġostra li saru fil-5 ta' Settembru 2010. Peress li t-talba oriġinali tal-Kumitat tal-Logħob tal-Baħar kienet €482, u l-kontijiet li rċevejna jammontaw għal €585 qed jitlob deċiżjoni mill-Kumitat dwar l-ammont qabel ma tintalab il-kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Ġie deċiż li peress li t-talba kienet ta' €482, il-Kumitat għandu japprova dak l-ammont biss.

7.03 Iċ-*Chairperson* ilmenta li fi Triq ir-Rabat viċin tax-Xtajta qed jinżlu vetturi bi *speed* eċċessiv u anke' jirrejżjaw il-magna. Għaldaqstant il-Kumitat għandu jikteb lill-Pulizija dwar dan l-abbuż.

7.04 Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fix-Xlendi hemm diversi *plots* mhux mibnijin li m'għandhomx il-*boundary walls* imtellgħin filwaqt li hemm anke' xi bini *shell* li huwa aċċessibbli għall-pubbliku.

7.05 Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat li fil-bidu ta' Triq is-Sienja qed iżżomm għadira ta' l-ilma u għaldaqstant ser naraw kif din it-triq tista' titranġa.

7.06 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva ilment li kull nhar ta' Sibt qed jinġabru xi żgħażagħ fi Triq il-Kappar u qed jagħmlu ħafna storbju. Min għamel l-ilment ġie mitlub sabiex meta jara hekk għandu jċempel lill-Pulizija dak il-ħin.

7.07 Il-Kumitat beda jiddiskuti dwar liema hi l-aħjar ġurnata li fiha għandha ssir il-laqgħa tal-Kumitat. Ġie deċiż li l-aħjar ġurnata tkun is-Sibt għal xi l-10 ta' filgħodu. Il-membri tal-Kumitat xtaqu wkoll li meta jkun hemm xi laqgħa ma' Perit jew xi ħadd ieħor jiġu informati biex jekk ikun possibbli jattendu huma wkoll.

Il-laqgħa spiċċat f' 12.10 ta' wara nofsinhar u ġie miftiehem li laqgħa oħra ssir nhar is-Sibt, 13 ta' Novembru 2010, fl-10.00 ta' filgħodu.

| | |
|---|---|
| **Godwin Azzopardi** | **Anthony Grech** |
| ***Chairperson.*** | ***Segretarju Eżekuttiv.*** |